# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 13 ta' Marzu 2024**

**Kawża Numru: 13**

**Rikors Guramentat Numru:- 334/2020JVC**

**Maria Dolores Spiteri (KI 409364M)**

**U**

**Pauline Scicluna (KI 303360M)**

**U**

**Maria Carmela Cassar (KI 356355M)**

**U**

**Joseph Galea (KI 64857M)**

**vs**

**Anthony Galea (KI 63058M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Maria Dolores Spiteri et li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi l-kontendenti huma ulied Francesca Galea li giet nieqsa fil-5 ta' Ottubru 2012, certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A** u Luigi Galea li miet nhar it-22 ta' Jannar 2019 skont certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala **Dokument B.**

2. Illi r-rikorrenti huma eredi tad-defunta Francesca Galea skont it-testment unica charta tal-istess defunti, u cioe' dak tal-21 ta' Marzu 2011 fl-Atti tan-Nutar Dottor Simon Manicolo. Dan it-testment qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dokument C.**

3. Illi wara l-mewt ta' Francesca Galea, id-decujus Luigi Galea kien ghamel testment nhar it-22 ta' Ottubru 2014 fl-Atti tan-Nutar Dottor Simon Manicolo, fejn fost l-ohrajn, irrevoka, annulla u hassar kull testment precedenti, u nnomina bhala unici eredi universali tieghu liz-zewg uliedu Pauline u Maria Dolores. Illi kopja tat-testment hija annessa u mmarkat bhala **Dokument D.**

4. Illi l-intimat ghalhekk ghandu sehem mill-wirt ta' ommu Francesca Galea u s-sehem riservat mill-wirt ta' missieru. Illi ghal kull bon fini qed jigu prezentati d-dikjarazzjonijiet *causa mortis* tal-10 ta' Lulju 2013 fl-Atti tan-Nutar Dottor Ann Bugeja u dik tat-28 ta' Gunju 2019 fl-Atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela, kopja taz-zewg dokumenti huma hawn anness u mmarkat bhala **Dokument E** u **Dokument F** rispettivament.

5. Illi minkejja li l-intimat huwa wkoll eredi tad-defunta Francesca Galea huwa qed jirrifjuta li jersaq ghad-divizjoni tal-gid provenjenti mill-eredita' tal-imsemmi defunta u dan stante ghax ma jridx jaccetta li mis-sehem ta' missieru ghandu biss il-porzjon riservat lilu skont il-ligi.

6. Illi r-rikorrenti ma jridux jibqaw aktar in komunjoni mal-intimat u jridu li l-gid formanti l-eredita' tal-imsemmija Francesca Galea jigi diviz skont il-ligi.

7. Illi l-intimat gie interpellat biex jersaq ghall-qasma tal-eredita' ta' Francesca Galea permezz ta' ittra legali u diversi korrispondenza, kif ukoll ittra ufficjali numru 1029/2020 izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, jghid l-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna skont il-ligi u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjara illi l-kontendenti huma l-unici eredi ta' Francesca Galea.

2. Tillikwida l-assi konjugali u assi ohrajn ta' Francesca Galea.

3. Tiddividi l-gid formanti l-wirt ta' Francesca Galea bejn il-kontendenti skond il-kwota li kull wiehed mill-partijiet jigi ddikjarat li ghandu dritt ghaliha, u ghalhekk tordna d-divizjoni tal-proprjeta' komuni ezistenti bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju 2020 numru 1029/2020, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Anthony Galea li taqra kif isegwi:

'Illi huwa m'ghandu assolutament l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti salv illi din tkun tinkludi l-konsistenza tal-assi kollha tad-*decujus* Francesca Galea u jingabru l-flus li kellhom jithallsu mir-rikorrenti Maria Dolores Spiteri lejn l-assi tal-istess *decujus.*

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat il-kontro-talba guramentata ta' l-intimat Anthony Galea li taqra kif isegwi:

'Illi fit-22 ta' Jannar 2019 miet missier il-kontendenti, ossia Louis sive Luigi Galea, u l-wirt tieghu huwa regolat b'testment tat-22 ta' Ottubru 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Simon Manicolo li fejn fost l-ohrajn irrevoka, annulla u hassar kull testment precedenti u nnomina lir-rikorrenti atturi bhala eredi universali mentri lill-esponenti hallilu l-porzjoni rizervata u kondizzjonata.

Illi l-esponenti m'accettax il-kondizzjonijiet imposti fuqu fit-testment fuq imsemmi ta' missieru u fil-fatt huwa rinunzja ghall-wirt ta' missieru u rrizerva d-dritt tal-porzjon lilu rizervata skond il-ligi.

Illi stante li huma qieghdin hamest' ahwa, à tenur tad-dispozizzjoni tal-Artikolu 615 et seq tal-Kodici Civili huwa ghandu d-dritt ghall-porzjoni rizervata li hija ekwivalenti ghal wiehed minn hamsa (1/5) ta' nofs l-assi tad-*decujus* Louis sive Luigi Galea liema assi mhux bilfors huma intestati fuq persuna jew persuni ohrajn.

Illi inoltre, fil-kalkolu tal-istess porzjoni rizervata ghandu jittiehed kont tad-donazzjonijiet u assenjazzjonijiet li tal volta setghu saru mill-istess *decujus* kemm matul hajtu kif ukoll il-causa mortis permezz ta' legati lil hutu l-atturi f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant ighidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli m'ghandiex tiddeciedi u tiddikjara ghaliex:

i. Illi l-esponenti Anthony Galea ghandu d-dritt tal-porzjoni rizervata skond il-ligi u li din il-porzjoni rizervata hija ekwivalenti ghal wiehed minn ghaxra (1/10) mill-valur tal-assi tal-istess *decujus*;

ii. Tillikwida l-istess porzjoni rizervata;

iii. Tikkundanna lill-atturi sabiex ihallsu l-porzjoni riservata jew bi flus jew bi proprjeta' skond kif il-Qorti jidrilha xieraq u opportun flimkien ma l-interessi skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ghal kontro-talba ta' Maria Dolores Spiteri et li taqra kif isegwi:

'**1.** Illi huma m'ghandhom l-ebda oggezzjoni u qatt ma kellhom oggezzjoni ghat-talba tal-intimat u cioe' li huwa ghandu dritt ghall-porzjon riservat dovut lilu skont il-ligi.

**2.** Illi l-intimat ghandu jitqies li rcieva akkont tas-sehem riservat tieghu dovut lilu mill-wirt tal-missier, dak kollu li huwa seta' ha minghand l-istess missier b'donazzjoni, kemm direttament jew indirettament; kif ukoll kull haga ohra li rcieva mill-gid tal-missier.

**3.** Illi t-talba tal-intimat ghall-imghaxijiet hija nfondata fi-fatt kif ukoll fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, minn issa ngunt in subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, xhieda, testmenti, certifikati tal-mewt, dikjarazzjonijiet *causa mortis*, korrispondenza tramite emails, rinunzja tal-wirt, *statements* bankarji u ta' investimenti, rapport peritali *ex-parte*, sentenza, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata nhar it-28 ta' Settembru, 2021 (fol. 221) fejn infurmaw lil Qorti li sabu l-bejgh tal-proprjeta' li l-partijiet ghandhom in komun bl-offerta tkun fl-ammont ta' €450,000;

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Novembru, 2022 Dr Borg Costanzi ddikjara li l-ammont pretiz jekk wiehed jiehu l-valur tad-dar iddikjarat fil-*causa mortis* tal-hames mitt elf, hu ghandu jiehu €75,000 fir-rigward tas-sehem tad-dar u fir-rigward il-kontijiet bankarji a bazi tal-permess u a bazi ta' dak li hemm fl-affidavit tieghu, l-ammont totali spettanti lilu, kompriz sehmu mid-dar huwa ta' €114,801.64 u dan apparti nteressi legali;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Frar, 2023 il-partijiet qablu li l-valur tal-immobbli huwa dak ta' €500,000;

Rat illi fil-verbal datat 23 ta' Frar, 2023 il-kawza giet differita ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna hija wahda ta' divizjoni tal-beni mobbli u mmobbli tal-mejta Francesca Galea u tikkontjeni wkoll kontro-talba li titratta s-sehem riservat fuq il-beni mobbli u mmobbli tal-mejjet Luigi Galea favur l-intimat Anthony Galea.

Illi in sintezi l-fatti tal-kaz odjern huma kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti Maria Dolores Spiteri et u l-intimat Anthony Galea huma lkoll ahwa wlied il-mejtin Luigi u Francesca konjugi Galea. Luigi Galea gie nieqes fit-22 ta' Jannar, 2019 (fol.

5) filwaqt li Francesca Galea giet nieqsa fil-5 ta' Ottubru, 2012 (fol. 4).

Illi Francesca Galea rregolat il-wirt u successjoni taghha b'testment *unica charta* ma' zewgha Luigi Galea tal-21 ta' Marzu, 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Simon Manicolo (fol. 6) fejn fir-raba' artikolu ddikjarat li kienet tat b'titolu ta' self brevi manu l-ammont ta' €5,823 lil bintha Maria Dolores mart Joseph Spiteri u ordnat li tali somma jew kwalsiasi bilanc li jkun ghad fadal jithallas, jitnaqqas mis-sehem tal-imsemmija Maria Dolores Spiteri mill-wirt taghha. Fil-hames artikolu halliet b'titolu ta' legat a favur ta' zewgha Louis Galea l-uzu u l-uzufrutt tal-assi rispettivi taghha minghajr ebda eccezzjoni, bl-ezenzjoni mill-obbligu tal-formazzjoni tal-inventarju u tal-kawzjoni kif altrimenti rikjest mil-ligi. Filwaqt li fis-sitt artikolu nnominat b'eredi universali propjetarji assoluti taghha lill-hames (5) uliedha u cioe' r-rikorrenti Maria Carmela Cassar, Joseph-Louis Galea, Pauline Scicluna, Maria Dolores Spiteri u l-intimat Anthony Galea.

Illi Luigi Galea rregola l-wirt u successjoni tieghu b'testment tat-22 ta' Ottubru, 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Simon Manicolo (fol. 11) fejn fl-ewwel artikolu rrevoka u annulla kwalsiasi disposizzjoni testamentarja li huwa setgha ghamel u ordna li l-wirt tieghu jigi regolat b'dak it-testment. Fir-raba' artikolu halla b'titolu ta' legat f'assoluta proprjeta' a favur ta' ibnu Anthony Galea l-porzjon riservat bil-ligi u dan peress fost ragunijiet ohra kien kagun ta' hafna inkwiet fil-familja fl-ahhar snin ta' hajtu. Fil-hames artikolu halla wkoll il-porzjon riservat liz-zewg uliedu Maria Carmela u Joseph Louis Galea billi dawn naqsu li jzuruh meta kien l-isptar u naqsuh mir-rispett fl-ahhar zmien ta' hajtu. Fis-sitt artikolu ddikjara li huwa kien ta' b'titolu ta'

self brevi manu s-somma ta' €5,823 lil bintu Maria Dolores mart Joseph Spiteri u ddikjara li huwa qieghed jahfer dan is-self u/jew kwalsiasi bilanc li l-imsemmija bintu jkun fadlilha thallas hallih b'titolu ta' legat f'assoluta proprjeta' u dan b'sens ta' gratitudni u bhala rikonoxximent u kumpens ghal dak kollu li ghamlet mieghu fl-ahhar zmien ta' hajtu. Fis-seba' artikolu halla b'titolu ta' legat f'assoluta proprjeta' a favur in-neputi tieghu Christian Spiteri iben bintu Maria Dolores Spiteri senter tad-ditta Breda B4 Bruno Castellani. Fit-tmien artikolu t-testatur halla b'titolu ta' legat f'assoluta proprjeta' percepibbli wara mewtu a favur bintu Pauline mart Joseph Scicluna l-oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz appartenenti esklussivament lilu fid-data tal-mewt tieghu. Fid-disa' artikolu halla b'titolu ta' legat f'assoluta proprjeta' percepibbli mmedjatament wara mewtu a favur iz-zewg uliedu Pauline Scicluna u Maria Dolores Spiteri f'ishma ndaqs bejniethom il-flus kontanti u l-flus kollha depositati f'kontijiet bankarji u/jew istituzzjonijiet finanzjarji ohra intestati f'ismu. Finalment fl-ghaxar artikolu nnomina b'eredi universali proprjetarji assoluti tieghu liz-zewg uliedu Pauline Scicluna u Maria Dolores Spiteri ahwa Galea, f'porzjonijiet indaqs bejniethom bis-sostituzzjoni tar-rispettivi uliedhom altrimenti bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom skont il-kaz.

2. Illi l-partijiet kollha ddenunzjaw l-wirt tal-omm permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tal-10 ta' Lulju, 2013 fl-atti tan-Nutar Ann Bugeja (fol. 16). Filwaqt li r-rikorrenti Pauline Scicluna u Maria Dolores Spiteri ddenunzjaw il-wirt tal-missier permezz ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tat-28 ta' Gunju, 2019 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela (fol. 20).

3. Illi bejn il-partijiet ghaddew komunikazzjonijiet permezz tal-email (fol. 42) madanakollu ma kienx hemm qbil billi l-intimat insista li kien hemm ammont minn xi kont bankarju li ma kienx qieghed jigi nkluz u dwar il-valur li kellu jigi mibjugh bih l-immobbli.

4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti pprocedew b'din il-kawza ntavolata nhar il-25 ta' Mejju, 2020 fejn permezz taghha talbu li l-Qorti tiddikjara li l-kontendenti huma l-unici eredi ta' Francesca Galea. Talbu wkoll sabiex il-Qorti tillikwida l-assi konjugali u assi ohra ta' Francesca Galea. Finalment talbu sabiex il-Qorti tiddividi l-gid formanti l-wirt ta' Francesca Galea bejn il-kontendenti skont il-kwota li kull wiehed mill-partijiet jigi ddikjarat li ghandu dritt ghaliha, u ghalhekk tordna d-divizjoni tal-proprjeta' komuni ezistenti bejn il-kontendenti.

Illi l-intimat Anthony Galea laqa' ghal din il-kawza billi ddikjara li huwa m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet rikorrenti salv li din tkun tinkludi l-konsistenza tal-assi kollha tad-decujus Francesca Galea u jingabru l-flus li kellhom jithallsu mir-rikorrenti Maria Dolores Spiteri lejn l-assi tal-istess decujus.

Illi l-intimat Anthony Galea pproceda wkoll b'kontro-talba fejn talab lill-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li huwa ghandu d-dritt tal-porzjoni riservata skont il-ligi u li din il-porzjoni rizervata hija ekwivalenti ghal wiehed minn ghaxra (1/10) mill-valur tal-assi tal-istess decujus. Talab ukoll sabiex il-Qorti tillikwida l-istess porzjoni riservata u finalment talab lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-porzjoni riservata jew fi flus jew fi proprjeta' skont kif il-Qorti jidrilha xieraq u opportun flimkien mal-interessi skont il-ligi.

Illi bhala risposta ghall-kontro-talba r-rikorrenti rrispondew illi huma m'ghandhom l-ebda oggezzjoni u qatt ma kellhom oggezzjoni ghat-talba tal-intimat u cioe' li huwa ghandu dritt ghall-porzjon riservat dovut lilu skont il-ligi. Sostnew ukoll illi l-intimat ghandu jitqies li rcieva akkont tas-sehem riservat tieghu dovut lilu mill-wirt tal-missier f'dak kollu li huwa seta' ha minghand l-istess missier b'donazzjoni, kemm direttament jew indirettament, kif ukoll kull haga li rcieva mill-gid tal-missier. Finalment eccepew illi t-talba tal-intimat ghall-imghaxijiet hija nfondata fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

**<u>Divizjoni tal-eredita' ta' Francesca Galea:</u>**

**<u>Assi in divizjoni:</u>**

**<u>Assi mmobbli:</u>**
Illi bhala proprjeta' mmobbli in divizjoni, mill-atti jirrizulta li l-mejta Francesca Galea kellha n-nofs indiviz (1/2) tad-dar bin-numru 3 fi Triq Edward J. Nicholas, Rabat, Malta.

Jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet li l-unika mmobbli li hemm in divizjoni hija l-proprjeta' msemmija fil-paragrafu precedenti stante li l-proprjetajiet l-ohra msemmija fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-omm tal-10 ta' Lulju, 2013 fl-atti tan-Nutar Ann Bugeja (fol. 16) gew mibjugha meta l-missier kien ghadu haj u r-rikavat gie spartit.

Illi fil-fehma tal-Qorti ghal finijiet ta' divizjoni l-valur tal-proprjeta' msemmija ghandu jkun dak ta' €500,000 u dan anke in vista tal-fatt li fil-verbal tat-23 ta' Frar, 2023 (fol. 274) il-partijiet qablu li l-valur tal-immobbli huwa dak ta' €500,000.

Illi dwar il-kwota ta' nofs indiviz (1/2) ta' dan il-fond bin-numru 3 fi Triq Edward J. Nicholas, Rabat, Malta rapprezentanti sehem l-omm Francesca Galea dan ghandu jigi diviz bejn il-hames (5) ahwa biex kull parti jkollha l-kwota ta' 1/5 kull parti.

Illi fil-mori tal-kawza ma giex nominat Perit Tekniku sabiex jistabbilixxi jekk il-fond huwiex wiehed komodament divizibbli jew le madanakollu l-Qorti tifhem anke mill-fatt li l-partijiet fil-mori tal-kawza dejjem tkellmu dwar bejgh u li fil-kwoti kif indikati dan l-fond m'huwiex wiehed komodament divizibbli. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tordna li l-fond jinbiegh bil-licitazzjoni bil-valur tieghu jkun dak ta' €500,000 ai termini tal-Artikolu 515 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis ukoll illi fic-cirkostanzi, fl-ahjar interess tal-partijiet kollha, fil-bejgh bil-licitazzjoni ghandha tigi awtorizzata l-partecipazzjoni ta' oblaturi estranei, anke ghaliex tali partecipazzjoni hija mposta mill-ligi fl-Artikolu 521 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

> '(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.'.

**Assi mobbli:**

Flus il-bank u investimenti:

Il-Qorti rat li l-intimat Anthony Galea harrek diversi rapprezentanti tal-banek fejn gie stabbilit li l-flus appartenenti lill-

mejta Francesca Galea li sejrin jigu divizi f'dawk parafernali u dawn komuni huma s-segwenti:

<u>Kontijiet parafernali:</u>

1. Kont mal-bank HSBC Bank Malta plc bin-numru 058-055377-050 (fol. 136) intestat fl-isem Frances Galea li fit-28 ta' Dicembru, 2012 kellu l-ammont ta' €10,137.56.

   Illi dwar dan il-kont bankarju l-intimat fl-affidavit tieghu (fol. 243) jghid li llum hemm ammont ferm ikbar fis-somma ta' €30,676.13 u li dan l-awment huwa rizultat ta' wirt li gej min-naha ta' ommu minn taz-ziju Nazzareno Bugeja. Flimkien mal-affidavit l-intimat jannetti rendikont tal-HSBC Bank Malta plc datat 13 ta' Jannar, 2020 (fol. 264) minn fejn jirrizulta li huwa minnu li fil-kont imsemmi fid-data tar-rendikont hemm l-ammont ta' €30,676.13.

2. Kont fiss mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 058-055377-100 (fol. 147) intestat fl-isem Frances Galea li fl-20 ta' Novembru, 2012 kellu l-ammont ta' €28,655.27;

3. Investiment HSBC Malta Funds SICAV p.l.c. Int. Bond Fund (EUR) – Accumulator Shares bin-numru 104AA0062694201 (fol. 152) intestat fl-isem Frances Galea li fil-25 ta' Novembru, 2020 kellu l-ammont ta' €52,245.64 u fis-27 ta' April, 2021 (fol. 215) kellu ammont ta' €65,041.75;

4. Investiment Malta Government Bond Funds – Accumulator Shares bin-numru 117AA0037472301 (fol. 157) intestat fl-isem Frances Galea li fil-25 ta' Novembru, 2020 kellu ammont ta'

€29,897.30 u fis-27 ta' April, 2021 (fol. 214) kellu ammont ta' €38,545.81;

5. Kont fiss mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40016858316 (fol. 172) intestat fl-isem Frances Galea li ghadu miftuh sallum u fis-17 ta' Jannar, 2012 kellu l-ammont ta' €5,823;

<u>Dwar dawn l-ammonti ndikati fis-sezzjoni 'Kontijiet parafernali:', mill-atti jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet li dawn ghandhom jigu divizi bejn il-hames (5) ahwa fil-kwota ta' 1/5 kull wiehed u wahda minnhom.</u>

<u>Kontijiet komuni:</u>

6. Kont fiss mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 058-173923-100 (fol. 158) intestat fl-isem Luigi u Frances Galea li kien miftuh qabel ma mietet Frances Galea u nghalaq wara li mietet fl-24 ta' Marzu, 2014 li kien fih l-ammont ta' €20,178.47;

7. Kont mal-bank HSBC Bank Malta plc bin-numru 058-016189-050 (fol. 81) intestat fl-isem Luigi Galea li fit-22 ta' Jannar, 2019 kellu l-ammont ta' €3,668.55;

8. Investiment Malta Government Bond Fund bin-numru 117AA0051413401 (fol. 128) li fid-9 ta' Settembru, 2019 kien hemm l-ammont ta' €13,059.41;

9. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40016612154 (fol. 179 et seq) intestat f'isem Luigi u Frances Galea li ghadu miftuh sallum u ghandu bilanc ta' €795.75;

10. Kont fiss mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40016858222 (fol. 165) intestat fl-isem Louis Galea li fl-10 ta' Settembru, 2019 kellu l-ammont ta' €3,038.91;

11. Investiment 6.35% Malta Government Stock 2013 (II) (fol. 163) intestat fl-isem Dr Veronica Aquilina as curator of Francesca Galea li fl-1 ta' Dicembru, 2020 kellu ammont ta' €17,005.

    Illi l-Qorti tinnota li dwar dan l-investiment ir-rikorrenti m'ghamlu l-ebda referenza ghalih fin-nota ta' sottomissjonijiet u ghalhekk il-Qorti sejra tqis dan l-investiment bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akwisti ezistenti bejn Luigi u Francesca konjugi Galea.

<u>Illi dwar dawn l-ammonti ndikati fis-sezzjoni 'Kontijiet komuni:' l-Qorti tirrileva li nofs dawn l-ammonti rapprezentanti s-sehem tal-omm Francesca Galea ghandhom jigu divizi bejn il-hames (5) ahwa u n-nofs l-iehor rapprezentanti sehem il-missier Luigi Galea ghandhom jigu divizi ai termini tat-testment tat-22 ta' Ottubru, 2014 fl-atti tan-Nutar Simon Manicolo (fol. 11) fuq l-ahwa Pauline Scicluna u Maria Dolores Spiteri.</u>

<u>Flus ohra:</u>

1. L-ammont ta' €5,823 rapprezentanti self brevi manu li l-mejta Francesca Galea kienet selfet lil bintha Maria Dolores mart Joseph Spiteri u li bit-testment taghha tal-21 ta' Marzu, 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Simon Manicolo (fol. 7) Francesca Galea ddikjarat li din is-somma jew kwalsiasi bilanc li jkun ghad fadal jithallas ghandhom jitnaqqsu mis-sehem tal-imsemmija Maria Dolores Spiteri mill-wirt.

Il-Qorti rat li fl-atti ma tressqux provi li Maria Dolores Spiteri halset lura xi ammont mill-somma ta' €5,823 dovuta w'ghalhekk gjaladarba ma tresqitx prova ta' hlas dan l-ammont ghadu dovut minn Maria Dolores Spiteri fl-ammont shih. Ghaldaqstant fid-divizjoni l-ammont ta' €5,823 ghandu jigi mnaqqas minn sehem ir-rikorrenti Maria Dolores Spiteri u jigi diviz fuq l-erba' (4) l-ahwa ohra.

**Kontro-talba - Porzjoni Riservata:**

**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Luigi Galea u hlas tas-sehem riservat dovut lil Anthony Galea:**

Illi kif inghad aktar il-fuq Luigi Galea gie nieqes fit-22 ta' Jannar, 2019 ghaldaqstant japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 et seq tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decujus. Illi l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqraw kif isegwi:

> '615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.
>
> (2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat

jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'.

<u>**Assi ereditarji tal-mejjet Luigi Galea:**</u>
Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Luigi Galea mad-data tal-mewt tieghu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

<u>**Immobbli:**</u>

1. In-nofs indiviz (1/2) tad-dar bin-numru 3 fi Triq Edward J. Nicholas, Rabat, Malta.

   Fil-verbal tat-23 ta' Frar, 2023 il-partijiet qablu li l-valur tal-immobbli huwa dak ta' €500,000 ghalkemm ghal finijiet tal-porzjon riservat l-valur ghandu jkun fid-data tal-apertura tas-successjoni u cioe' fis-sena 2019. Ir-rikorrenti fin-nota ta'

sottomissjonijiet taghhom insistew li l-valur ghandu allura jigi ridott ghall-€450,000. Illi minn harsa lejn id-dikjarazzjoni *causa mortis* tat-28 ta' Gunju, 2019 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela (fol. 20) l-valur li nghata ghal nofs indiviz kien dak ta' €250,000. Il-Qorti tqis li ghal finijiet ta' porzjon riservat il-valur li sejra tiehu in konsiderazzjoni huwa dak ta' €500,000 bin-nofs indiviz (1/2) ikun dak ta' €250,000 billi huwa valur li nghata qrib il-ftuh tas-successjoni.

**<u>Mobbli:</u>**

<u>Flus il-bank u investimenti:</u>

1. Kont fiss mal-HSBC Bank Malta plc bin-numru 058-173923-100 (fol. 158) intestat fl-isem Luigi u Frances Galea li kien fih l-ammont ta' €20,178.47;

2. Kont mal-bank HSBC Bank Malta plc bin-numru 058-016189-050 (fol. 81) intestat fl-isem Luigi Galea li fit-22 ta' Jannar, 2019 kellu l-ammont ta' €3,668.55;

3. Investiment Malta Government Bond Fund bin-numru 117AA0051413401 (fol. 128) li fid-9 ta' Settembru, 2019 kien hemm l-ammont ta' €13,059.41;

4. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40016612154 (fol. 179 et seq) intestat f'isem Luigi u Frances Galea li ghadu miftuh sallum u ghandu bilanc ta' €795.75;

5. Kont fiss mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40016858222 (fol. 165) intestat fl-isem Louis Galea li fl-10 ta' Settembru, 2019 kellu l-ammont ta' €3,038.91;

6. Investiment 6.35% Malta Government Stock 2013 (II) (fol. 163) intestat fl-isem Dr Veronica Aquilina as curator of Francesca Galea li fl-1 ta' Dicembru, 2020 kellu ammont ta' €17,005.

   Illi l-Qorti tinnota dwar dan l-investiment li r-rikorrenti m'ghamlu l-ebda referenza ghalih fin-nota ta' sottomissjonijiet u ghalhekk il-Qorti sejra tqis dan l-investiment bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn Luigi u Francesca konjugi Galea.

L-ammont totali ghalhekk huwa ta' €57,746.09 b'dan li sehem Luigi Galea huwa dak tan-nofs indiviz (1/2) ghas-somma ta' €28,873.05.

<u>Flus ohra:</u>

1. L-ammont ta' €5,823 rapprezentanti self brevi manu li l-mejjet Luigi Galea kien sellef lil bintu Maria Dolores mart Joseph Spiteri u li bit-testment tieghu tat-22 ta' Ottubru, 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Simon Manicolo (fol. 11) Luigi Galea ddikjara li qieghed jahfer dan is-self u/jew kwalsiasi bilanc li l-imsemmija bintu jkun ghad fadlilha thallas. Il-Qorti tqis li dan l-ammont ghandu fi kwalunkwe kaz jigi maghdud mal-ammonti l-ohra u li fuqu l-intimat Anthony Galea ghandu jiehu s-sehem riservat.

<u>Snieter:</u>

L-intimat fl-affidavit tieghu (fol. 243) jaghmel referenza ghal zewg snieter li allegatament l-missier Luigi Galea kellu proprjeta' tieghu

filwaqt li mbaghad jannetti ricevuta ta' rilaxx ta' senter wiehed (fol. 250). Il-Qorti tinnota li fit-testment tieghu tat-22 ta' Ottubru, 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Simon Manicolo (fol. 11) Luigi Galea fis-seba' artikolu jaghmel accenn unikament ghal senter wiehed tal-ghamla Breda B4 Bruno Castellani. Il-Qorti ghalhekk ghal finijiet tal-porzjoni riservata ser tiehu kont tal-valur tas-senter bhala dak ta' €150 u ghalhekk in-nofs indiviz huwa dak ta' €75.

<u>Deheb:</u>
Il-Qorti rat li l-intimat, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jaghmel ukoll referenza ghad-deheb partikolarment ghal 4/5 crieket li kellu missieru li wkoll jsir referenza ghalih fit-testment ta' Luigi Galea tat-22 ta' Ottubru, 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Simon Manicolo (fol. 11). Ghal finijiet tal-porzjoni riservata l-Qorti qed tiffissa *arbitrio boni viri* l-valur tac-crieket fl-ammont konservattiv ta' €750 u ghalhekk in-nofs indiviz huwa dak ta' €375.

<u>Proprjeta' bi qbiela/Gratuity:</u>
Illi l-intimat fl-affidavit tieghu jaghmel ukoll referenza ghal proprjeta' bi qbiela maghrufa bhala Cher Zerriegha fil-limiti tal-Imtahleb u ghal *gratuity* li missierhom rceva mill-korp tal-Pulizija.

Illi dwar l-art bi qbiela l-Qorti tirrileva li fl-atti ma tresqitx prova la dwar l-art u lanqas dwar il-valur tal-qbiela u ghalhekk mhijiex ser tiehu kont taghha.

Illi dwar il-*gratuity* li l-missier Luigi Galea rcieva mill-Korp tal-Pulizija l-Qorti tinnota li Luigi Galea kien ilu li hareg mill-korp tal-Pulizija mis-sena 1978 (ara dokumenti a fol. 228 et seq tal-process). Il-Qorti tqis li din l-*gratuity* li kienet fis-somma ta' Lm3,377 tal-munita l-antika amalgamat mal-komunjoni tal-akkwisti wara

dawn is-snin kollha u ghalhekk m'hijiex ser tiehu konjizzjoni taghha ai fini tal-kalkolu tal-porzjon riservat.

**Dejn:**

Il-Qorti rat li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, precizament fil-paragrafu ndikat bin-numru 36, r-rikorrenti jindikaw diversi ammonti allegatament rapprezentanti djun u pizijiet li skonthom irrizultaw mill-provi u thallsu ghan-nom ta' missierhom Luigi Galea u li ghalhekk ghandhom jigu mnaqqsa. Dawn id-djun huma ndikati kif isegwi:

(i) hlas zejjed mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u ghalhekk saret ir-rifuzjoni taghhom,

(ii) hlas ta' kontijiet tad-dawl u ilma,

(iii) MSSP tar-Rabat ghall-quddies ghar-ruh Luigi Galea

(iv) spejjez notarili, u

(v) spejjez tal-funeral ghand Bonello Funeral Services.

Illi l-Qorti tirrileva li a kuntrarju ta' dak indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet, fl-atti ma gew ipprezentati l-ebda provi dwar l-allegati djun u pizijiet li thallsu ghan-nom ta' missierhom Luigi Galea. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-Qorti hija prekluza milli tiehu kont tal-istess.

**Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:**

| | |
|---|---|
| Immobbli - | €250,000 |
| Flus - | €28,873.05 |
| Flus ohra - | €5,823 |
| Snieter - | €75 |
| Deheb - | €375 |

**<u>Total - €285,146.05</u>**

Illi ai termini tas-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sehem l-intimat bhala porzjon riservat huwa dak ta' 1/10 (1/2 x 1/5) u cioe' fis-somma ta' **tmienja u ghoxrin elf hames mija u erbghatax il-Ewro u wiehed u sittin centezmu (€28,514.61)**.

**<u>Imghax:</u>**

Illi l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

Illi mill-atti ma jirrizultax li l-intimat Anthony Galea interpella lir-rikorrenti b'xi ittra ufficjali ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riservat. Nonostante dan izda l-Qorti rat li l-ewwel interpellazzjoni effettivament kienet il-kontro-talba li giet intavolata fis-17 ta' Lulju, 2020. Jirrizulta li d-decujus Anthony Galea miet fit-22 ta' Jannar, 2019 u ghalhekk it-talba ghal hlas tas-sehem riservat saret entro t-terminu ta' sentejn b'dan li l-imghax ghandu jkun dovut mid-data tal-ftuh tas-successjoni.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi din il-kawza bil-mod segwenti:

**<u>Rikors promotur:</u>**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kontendenti kollha ossia r-rikorrenti Maria Dolores Spiteri et u l-intimat Anthony Galea huma l-unici eredi ta' Francesca Galea;

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-assi konjugali u l-assi l-ohra tal-mejta Francesca Galea f'dawk indikati fis-sezzjoni '**Divizjoni tal-eredita' ta' Francesca Galea:'**;

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddividi l-gid formanti l-wirt ta' Francesca Galea bejn il-kontendenti fil-kwota ta' wiehed minn hamsa (1/5) kull wiehed u wahda minnhom u dan bil-mod kif indikat fis-sezzjoni '**Divizjoni tal-eredita' ta' Francesca Galea:'**. Tordna ghaldaqstant id-divizjoni taghhom in kwantu ghal beni mobbli kif gia suespost u in kwantu ghal beni mmobbli stante li l-fond m'huwiex wiehed komodament divizibbli l-Qorti tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-imsemmija proprjeta' mmobbli bil-valur indikat ta' €500,000 ai finijiet u effetti kollha tal-ligi u bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei.

**Kontro-talba:**

4. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat Anthony Galea ghandu d-dritt tal-porzjon riservat skont il-ligi u li din il-porzjon riservat hija fl-ekwivalenti ta' wiehed minn ghaxra (1/10) mill-valur tal-assi ta' missieru Luigi Galea;

5. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-porzjon riservat dovuta lill-intimat rikonvenzjonant fl-ammont kumplessiv ta' tmienja u ghoxrin elf hames mija u erbatax il-Ewro u wiehed u sittin centezmu (€28,514.61);

6. Tilqa' limitatament it-tielet talba u tikkundanna lir-rikorrenti Pauline Scicluna u Maria Dolores Spiteri sabiex ihallsu l-porzjon riservat fi flus u fl-ammont indikat fil-paragrafu precedenti flimkien mal-imghax li ghandu jigi kkalkulat li beda jiddekorri mill-apertura tas-successjoni.

Bl-ispejjez tar-rikors promotur ghandhom jigu spartiti fil-kwota ta' 1/5 kull parti u in kwantu ghal-kontro-talba dawn ghandhom ikunu sopportati unikament mir-rikorrenti Pauline Scicluna u Maria Dolores Spiteri.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Marzu, 2024**